MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 797/2001/1

**Vs**

**Dame Francoise Tempra**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef erbgha mija u sitta u tmenin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm3,486.61) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numru 583837, 524180 u 572995 (skond kif jirrizulta mill-annessi "statements" Dok A, B u C) liema servizzi gew stallati fil-fond fi Triq Sir Harry Luke, Mgarr Malta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness Dok A, Dok B, u Dok C a fol 2 sa fol 4 tal-atti.

Wara li rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 18 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi avolja ma gietx notifikata bic-citazzjoni bit-traduzzjoni fl-Inglis, stante li hija staniera u ma tifhimx bil-Malti, ma tinsistix li tigi hekk notifikata, biex ma jintilifx zmien.
2. Illi hija kienet ghamlet diversi pagamenti in akkont, taf li ghandha taghti xi somma, izda peress li ma kelliex l-opportunita' li tivverifika, permezz tad-difensur taghha, id-dokumenti esebiti mac-citazzjoni, tkun tista taghti eccezzjoni izjed spjegattiva wara li jigu esaminati l-istess dokumenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment il-verbal tax-xhieda tal-Prokuratur Legali Noel Scerri a fol 22 tal-istess atti minn fejn jirrisulta illi l-ammont mitlub fl-avviz hu dovut mill-konvenuta, lis-socjeta attrici kif ukoll dak tas-seduta tas-26 ta' Novembru 2003 a fol 25 ibid, tas-seduta tal-20 ta' April 2004 a fol 26 ibid, tas-seduta tas-7 ta' Marzu 2005 a fol 29 ibid, dak tas-seduta tat-23 ta' Mejju 2005 a fol 30 ibid kif ukoll dak tas-seduta tas-7 ta' Mejju 2007 a fol 44 ibid.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fis-7 ta' Mejju 2007 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta'

Lm3,486.61,0 bl-imghax legali mit-18 ta’ Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------